PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10523 — Nordic Capital / Rothschild / TA Associates / RLDatix)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 473/10)

1. Fis-16 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nordic Capital X Limited ("Nordic Capital", Jersey),

— Five Arrows Managers LLP (ir-Renju Unit) u Five Arrows Managers (USA) LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka) ("Five Arrows"), it-tnejn ikkontrollati minn Rothschild & Co S.C.A. ("Rothschild", Franza),

— TA Associates Management, L.P. ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Datix (Holdings) Limited ("RLDatix", ir-Renju Unit).

Nordic Capital, Five Arrows u TA Associates jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' RLDatix.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Nordic Capital: fond ta' ekwità privata li jiffoka fuq investimenti primarjament fis-setturi tal-kura tas-saħħa, tat-teknoloġija u l-pagamenti, tas-servizzi finanzjarji, industrijali u tas-servizzi tan-negozju u tal-prodotti għall-konsumatur fir-reġjun Nordiku u pajjiżi magħżula tal-Ewropa tat-Tramuntana,

— Rothschild: grupp konsultattiv finanzjarju li jipprovdi M&A, pariri dwar l-istrateġija u l-finanzjament, kif ukoll soluzzjonijiet ta' investiment u ġestjoni tal-ġid lil istituzzjonijiet kbar, familji, individwi u gvernijiet, madwar id-dinja,

— TA Associates: konsulent dwar l-investiment għall-fondi ta' TA Associates, investitur fis-setturi tat-teknoloġija, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, il-konsumatur u n-negozju fl-Amerka ta' Fuq,

— RLDatix: fornitur ta' sett ta' software tat-teknoloġija tas-sikurezza tal-pazjenti bbażat fuq il-cloud. Dan l-aħħar, RLDatix akkwistat Allocate, fornitur ta' soluzzjonijiet tal-forza tax-xogħol li jiffoka fuq l-appoġġ għall-ħtiġijiet operazzjonali u amministrattivi tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-ambjenti kollha tal-kura tas-saħħa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10523 — Nordic Capital / Rothschild / TA Associates / RLDatix

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.